Kunsill Lokali Ħal Lija

# Rapport Amministrattiv

# Għas-Sena 2022

Ikkumpilat mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Pamela Borg

## Werrej


Introduzzjoni 1

Il-Kunsill 2

Il-Ħidma tal-Kunsill 4

Il-Finanzi tal-Kunsill: l-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq 12

Annex 1: Ritratti

Annex 2: Pjan ta' Ħidma IM (2023/2025) – Lista ta' toroq

Annex 3: Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera

# INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-01 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija tul is-sena 2022. Fis-sena 2022, kompliet għaddeja l-ħidma kontinwa taħt it-tmien leġiżlatura, li lha topera mill-1 ta' Lulju 2019, fejn id-dmiritjiet li għandu l-kunsill komplew jitwettqu bl-aħjar mod professjonali possibbli, bla interruzzjonijiet, għal ġid tal-lokal.

## 2.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera.

Il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Anthony Dalli** | **Sindku** |
| **Is-Sur Daniel Mallia** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Calcedonio Cini** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinjorina Lorraine Farrugia** | ***Minority Leader*** |
| **Is-Sur Joseph Zahra** | **Kunsillier** |

Ir-Responsabbiltajiet tal-kunsillieri preżenti waqt it-tmien leġiżatura fis-sena 2022 kienu kif ġej:

**Sindku Anthony Dalli**
L-Ambjent, Proġetti Kapitali/Unjoni Ewropea, Immaniġjar tat-Traffiku u Ordni Pubblika, l-Għaqdiet fil-Komunita', l-Anzjani, l-Innovazzjoni u l-Amministrazzjoni.

Is-Sindku huwa membru wkoll fil-Kumitat tar-Reġjun Ċentru.

**Viċi Sindku Daniel Mallia**
Żgħażagħ u Tfal, Sports u Attivitajiet fiżiċi.

Il-Viċi Sindku huwa wkoll is-sostitutt tas-Sindku f'eventwalita li ma jkunx jista jattendi huwa għall-kumitat tar-Reġjun Ċentru.

**Kunsillier Calcedonio Cini**
Indafa, Infrastruttura u l-Qasam Soċjali.

***Minority Leader Lorraine* Farrugia**
L-Edukazzjoni u l-Kultura.

**Kunsillier Joseph Zahra**
Integrazzjoni Soċjali, Turiżmu Lokali u Ħarsien tal-annimali.

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022 inżammu tlettax-il (13) laqgħa tal-Kunsill u żewġ laqgħat (2) tal-lokalita, total ta' ħmistax-il (15) laqgħa. L-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 36 – 48 u Laqgħat tal-Lokalità Nru. 1 u Nru.2** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Anthony Dalli | 15 | - | - | 100 |
| 2 | Viċi Sindku Daniel Mallia | 10 | 1 | 2 | 67 |
| 3 | Kunsillier Calcedonio Cini | 14 | 1 | - | 93 |
| 4 | Kunsillier Lorraine Farrugia | 15 | - | - | 100 |
| 5 | Kunsillier Joseph Zahra | 14 | - | 1 | 93 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, minn l-01 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022 tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Pamela Borg

bl-assistenza ta' tlett impjegati oħra. Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Is-Sinjorina Pamela Borg** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Is-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin** | **Assistent Prinċipal** |
| **Is-Sinjura Diane Abela Penza** | **Uffiċċijal Eżekuttiv** |
| **Is-Sur Roderick Debono** | **Skrivan** |
| **Is-Sinjorina Rina Spiteri** | **Skrivana ssekondatha mill-Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |

Matul is-sena 2022, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ madwar il-lokalità:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Raymond Mallia** | **RSSL** |
| **Is-Sur George Sammut** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |
| **Is-Sur Bjorn Borg** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |
| **Is-Sur Frankie Buttiġieġ** | **Engineering Resources Ltd** |
| **Is-Sur Marco Grech** | **Engineering Resources Ltd** |

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll bżonn ta' servizzi professjoni biex jigwidawh fl-operat u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu. Is-Servizzi mgħottija huma kif iddettaljat hawn taħt:

**Servizz Legali** mgħoti mingħand l-avukat Dr. Martin Fenech;
**Servizz ta' Perit** mogħti mingħand il-Perit Anthony Bezzina (MED Developers, Designers and Consultants Ltd;
**Servizzi ta'** ***Accountant u Accounting technican*** mgħotija mingħand *Akkonta Services Ltd* u D*galea Consult Ltd;*
**Servizz ta' konsulentazzjoni dwar Permessi tal-Ippjanar** mgħoti minn *ADI Assocoiates Environmental Consultants Ltd*;
**Servizz ta'** ***Data Protection Officer*** mgħoti minn *Iuris Malta*;
**Servizz ta'** ***Contracts Manager*** mgħoti minn *BOOM Consultancy & Advisory services*

In-nies kollha msemmija hawn fuq huma l-qafas u l-operaturi tal-Kunsill Lokali. Huwa grazzi għalihom li l-Kunsill jibqa' jagħmel passi 'l quddiem fi ħidmietu. Bħala Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill inħossni kburija naħdem ma' dawn in-nies u b'dan il-grupp ta' nies għandi sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## 3.1 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart organiku**
Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ilu joffri s-servizz tal-ġbir ta'l-iskart organiku mill-31 ta' Ottubru 2018. Dan l-istess servizz ingħata fis-sena 2022 u għadu għaddej sal-ġurnata tal-lum. L-iskart organiku jinġabar bieb bieb kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa.

**Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda)**
Is-Servizz ta' ġbir ta' l-iskart imħallat (borża sewda) jingħata kull nhar ta' Tnejn, Ħamis u Sibt. Fil-Preżent pero din il-borża issa qed tinġabar darbtejn biss, it-Tlieta u s-Sibt.

**Ġbir ta' skart separat**
Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart separat mill-kumpanija GreenPak. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta' Tlieta. Fil-preżent pero din il-borża issa qed tinġabar minnflokk nhar il-Ħamis.

**Ġbir ta' ħġieġ**
Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, jinġabar ukoll il-ħġieġ bieb bieb mill-kumpanija GreenPak. Tul is-sena kollha l-kunsill għamel monitraġġ fuq dan is-servizz b'reqqa għaliex mhux il-ħġieġ kollu kien qed jiġi miġbur mir-raħal. Dan is-servizz mhux dejjem ingħata kif suppost u l-kunsill iġġieled biex din l-inkonvenjenza titnaqqas lir-residenti u jidher li dan is-servizz qeleb daqsxejn għall-aħjar. Fil-preżent il-ħġieġ issa qed jinġabar darbtejn, kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u kull tielet Ġimgħa tax-xahar.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Is-Servizz tal-ġbir tal-iskart goff qed jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntatja l-Kunsill biex jagħmel appuntament għal dan is-servizz. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas. Il-Kunsill dejjem ħa ħsieb jara li l-kollettur għandu permessi validi biex ikollu aċċess għal aktar minn ċentru wieħed fejn jintrema l-iskart il-goff biex residenti jkunu dejjem mgħoqdija. Il-Kunsill anke baqa jagħmel użu mill-WEEE trolley li tinsab fil-binja tal-kunsill fejn residenti jistgħu jiddisponu minn affarijiet eletroniċi żgħar.

**Ħruġ ta' Permessi, Ħlasijiet oħra u lmenti**
Għal-sena oħra l-amministrattiv tal-kunsill dejjem għamel mill-aħjar biex jaqdi r-residenti fejn jidħlu applikazzjonijiet ta' permessi għal diversi nġenji u għeluq ta' toroq. L-amministrattiv tal-kunsill beda anke jopera sistema onlajn ta' kif jinħarġu l-permessi, li ġiet introdotta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. B'din is-sistema r-resident vera saret aktar faċli u effiċjenti għalih biex japplika għal permess mill-kumdita ta' daru mingħajr ma jżur il-kunsill u bħala sistema intlaqgħet tajjeb ħafna. Waqt il-ħin tal-ftuħ tal-binja amministrattiva tal-kunsill dejjem ingħata ukoll servizz effiċjenti ta' ħlasijiet oħra fosthom taċ-ċitazzjonijiet u l-kera. Ma' dawn ma tonqosx ukoll l-attenzjoni li tiġi mgħottija għal diversi lmenti u talbiet li jressqu tul is-sena r-residenti.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalita'tinżamm fi stat nadif. Il-Kunsill għandu kuntratt tal-knis b'kundizzjonijiet tajbin ħafna fejn, kull triq fil-lokal qed tinkines darba jew darbtejn fil-ġimgħa skond il-bżonn neċessarju. Apparti minn hekk ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun aktar ta' spiss. Il-Kunsill ta' spiss kien f'kuntatt mal-Contracts manager biex issir moniteraġġ fuq ix-xogħol li qed jagħmel il-kuntrattur biex jiġi żgurat li qed jingħata servizz tal-knis kemm jista jkun ta' livell għoli. Nemmnu li s-servizz ta' dan il-kuntratt jista jitjieb u filfatt il-kunsill fis-sena 2022 ta' spiss kien fi kuntatt dirett mal-kuntrattur biex jiżgura ruħu li qed jintbgħatu żewġ kenniesa skond il-kuntratt u li dawn ikunu fit-toroq li jkun jmisshom fil-ġurnata, skond l-iskeda tat-tindif. Il-Kunsill għadu sal-lum jara li l-kuntratt qed jiġi onorat kemm jista jkun u kif suppost.

**Tisbieħ u Manutenzjoni tal-Ġonna u *playing fields***
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-ġonna u l-*playing fields* fil-lokalita' jinżammu fi stat tajjeb. Dan billi sar żbir tal-ħaxix kif suppost u tisbieħ b'ipplantar ta' xtieli. Il-Kunsill ta' spiss jaħdem anke ma' diversi entitajiet fosthom ERA u l-kuntrattur biex b'mod speċjali l-ġnien rikreattiv jinżamm fi stat tajjeb. Is-Sindku dejjem ħa ħsieb li jżomm kuntatt kontinwu mal-kuntrattur u anke li jkun preżenti meta jkun qed isir l-iżbir biex jara li x-xogħol isir sewwa. Is-Sindku wkoll stinka biex tingħata għajnuna mingħand Parks Malta biex jingħata face lift lil Ġnien Ċentru Rikreattiv. Fis-sena 2022 il-kunsill ta sejħa ta' offerti; biex jitranġa l-equipment u t-tapit tal-art tal-ġonna u kif ukoll biex fil-Ġnien Rikreattiv jkun hemm spazju għal open air gym. Filfatt il-proġett ta' open gym tlesta fi 2022 u kien beda wkoll it-tibdil tat-tapit u l-play equipment fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv, li dan ix-xogħol minkejja li ħafna minnu kien lest, qed ikompli jiġi mwettaq fi 2023. Fil-Ġnien Rikreattiv ukoll il-kunsill approva li jsir xiri u tibdil tal-bankijiet u bins, li dawn bdew jitweħlu fl-aħħar tas-sena 2022 u għadhom qed jiġu mplementati bilmod fi 2023. Il-Kunsill fis-sena 2022 approva wkoll li jitweħħel aktar dawl fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u filfatt fi 2023 ser ikunu qed jinbidlu l-fanali għal oħrajn ġodda u aktar moderni. Kull tip ta'tisbieħ u manutenzzjoni li l-kunsill qed jagħmel fil-ġonna qed jiprova jsir moniteraġġ fuqha bl-għajnuna tal-Pulizija tal-Komunita biex residenti jgawdi minn ambjent sabiħ u jkun hemm vandaliżmu u kif ukoll attivitajiet suspettużi mill-inqas.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**

Din is-sena bħal snin kurrenti, sar xogħol ta' rutina. Dan ix-xogħol qatt m'hu biżżejjed iżda l -kunsill ħa ħsieb li jsir xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm l-aktar bżonn. Filfatt kien hemm każijiet fejn numru ta' toroq sar *patching* fihom għal aktar minn darba, kemm mill-ħaddiema tal-kunsill u kif ukoll mill-kuntrattur tal-kunsill, f'każijiet fejn ikollok triq li tkun aktar diżastruża minn oħra.

Bl-għajnuna ta' Infrastructure Malta twettaq xogħol fejn ingħata wiċċ ġdid fi Triq il-Kbira u Triq Ramiro Barbaro. Dan ix-xogħol sfortunatement ħa daqsxejn fit-tul, fejn beda fi Settembru 2021 u baqa għaddej sa kważi nofs is-sena 2022. Filfatt il-kunsill kellu jħabbat rasu ma' diversi lmenti dwar dan ix-xogħol u minkejja li x-xogħol ma kienx responsabbilta tal-kunsill, il-kunsill ħa ħsieb li jagħmel moniteraġġ tax-xogħol ta' kuljum u li jżomm kuntatt kontinwu mal-kuntrattur u l-perit ta' IM inkarigati mix-xogħol. Apparti dan ix-xogħol IM tat ukoll wiċċ ġdid fi Triq Sir Ugo Mifsud u bdew jitwettqu xi preparamenti biex fi 2023 umbgħad jibda jingħata wiċċ ġdid ukoll fi Triq is-Salvatur.

Il-Kunsill ħa ħsieb li mal-kuntrattur u l-perit tiegħu jagħti anke wiċċ ġdid f'karreġjata ġdida li nfetħet riċenti, parti minn Triq Carmelo Farrugia ma' Triq Annibale Preca. Dan ix-xogħol ġie ffinalizzat fis-sena 2022 u kien kollu kko-ordinat mill-kunsill mal-entitajiet kollha kkonċernati, fosthom IM Enemalta, WSC, GO Melita etċ pero kien hemm ftiehem ma' IM li jitħallas minn IM.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija huwa grat ħafna lejn IM, għaliex din l-entita dejjem laqgħat it-talbiet tal-kunsill u dejjem kienet ta' għajnuna fl-implimentazzjoni ta' tiswija u manutenzzjoni fit-toroq / pavimentar. Filfatt fl-aħħar tas-sena 2022, IM anke ħabret li ser tkompli tassisti lil kunsill bi pjan ta' ħidma li hija nediet għat-tlett snin li ġejjien (2023-2025) fejn il-kunsill ġie allokat 5,000 metri kwadri ta' toroq, għal kull sena, sabiex il-kunsill jagħżel jibdni mill-ġdid ċertu toroq tal-preferenza tiegħu. B'referenza għal dan il-pjan ta' ħidma ta' IM, il-kunsill fl-aħħar tas-sena 2022, minnufih kien ressaq lista ta' toroq li fl-opinjoni tiegħu għandhom jinbdew mill-ġdid u beda jitħadded dwar l-impliementazzjoni tagħhom (Lista ta' dawn it-toroq annessa ma' dan ir-rapport). Dawn it-taħdidiet għadhom għaddejin fis-sena 2023 u apparti dawn il-5,000 metri kwadri ntlaħaq ftehiem biex fis-sena 2023 finalment jibqa jiġi rranġat parti mill-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Dan ix-xogħol ser ikun qed isir mill-kuntrattur tal-kunsill, evalwat mill-Perit tal-kunsill u ffinanzjat minn IM.

Apparti l-entita ta' IM, il-Kunsill ikko-ordina wkoll mal-entita ta' Enemalta fejn sar xogħol ta' manutenzzjoni u ġie mgħoddi cable tad-dawl minn xi toroq fi Ħal Lija. Kien intlaħaq ftehiem ma' Enemalta li minn kull fejn ġie mgħoddi dan il-cable, Enemalta kellha tagħti wiċċ ġdid lit-triq u jekk mhux it-triq kollha almenu ingħata wiċċ ġdid lil parti mit-triq. It-Toroq li ngħataw wiċċ ġdid minħabba dan il-proġett kienu Triq il-Mitħna, Triq il-Kunċizzjoni u Triq il-Forn. Dan ix-xogħol intlaqa tajjeb ħafna u ftit li xejn kien hemm ilmenti waqt l-implimentazzjoni tal-proġett. Il-Kuntrattur imqabbad minn Enemalta kien wieħed esperjenzat sew f'xogħlu.

Fis-sena 2022 sar anke ftehiem mal-kumpanija WSC, fejn din il-kumpanija avżat lil kunsill li kien hemm bżonn jinbdlu l-mainijiet tal-ilma u d-dranaġġ fl-akwata taċ-Ċnus. Permezz ta' dan il-proġett il-kunsill ibbenifika ħafna u fit-toroq Tal-Mirakli, N.Cottoner, Ħal Bordi, Carmelo Farrugia u Sant Andrija Sqaq 1, nbidlu l-mainijiet tal-ilma u tad-dranaġġ, saru bankini ġodda u anke ngħata wiċċ ġdid lit-toroq. Dan ix-xogħol intlaqa tajjeb ħafna, ftit li xejn kien hemm ilmenti waqt l-implimentazzjoni tal-proġett. Kemm il-kuntrattur li ħadem u kif ukoll l-inġienira tal-WSC kienu esperjenzati u ta' għajnuna kbira lil Kunsill.

Apparti li ngħataw uċuħ ġodda f'diversi toroq, sar ukoll aktar manutenzjoni, din id-darba ta' diversi bankini fejn kien meħtieġ. It-Toroq fejn fihom saru bankini ġodda huma : Triq il-Mitħna u Triq Giovanni Barbara ma' ġenb il-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**

Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq u kif ukoll saru diversi sinjali tat-traffiku fir-raħal.

**Restawr fuq Ħitan tas-sejjieħ taħt Miżura 4.4**

Fis-sena 2020 kien beda x-xogħol ta' restawr fuq il-ħitan tas-sejjieħ li baqa għaddej fis-sena 2021. Sal-aħħar tas-sena 2021 l-kunsill rrestawra l-erba biċċiet ħitan kollha li kien applika għalihom. Wara li dawn l-ħitan ġew rrestawrati, taħt l-istess miżura l-kunsill kien għadt baqalu xi fondi li jista jagħmel użu minnhom u għalhekk applika mal-entitajiet kkonċernati biex jiġi rrestawrat ħajt addizzjonali ieħor fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Ħalmann. Sas-sena 2022 dan il-proġett kien lest kollu nkluż l-ħajt tas-sejjieħ addizzjonali li żied il-kunsill. Baqa biss li jitħallas il-kuntrattur l-aħħar pagament ta' rention money. Għalhekk dan il-proġett xorta waħda jrid jibqa jiġi kkunsidrat miftuħ u għaddej sakemm jitlaħħas l-aħħar pagament u tiġi ffinalizata d-dokumentazzjoni kollha li baqa pendenti kif suppost.

**Sejħiet ta' Offerti**

Matul is-sena l-Kunsill ħareġ sitt sejħiet (6) ta' offerti (*Tenders/qoutations):*

- **Service tender for the collection of household waste from the locality of Ħal Lija, in an environmentally friendly manner** ( Jannar 2022) - Il-Kunsill Lokali ħareġ din is-sejħa biex ikun jista jiġi mġedded is-servizz tal-ġbir tal-iskart sal-aħħar tas-sena 2022 biss, peress li mis-sena 2023 dan it-tender għandu jinħareġ mir-Reġjun.
- **Supply and Delivery of a Full Electric 7 Seater Brand New Van for Ħal Lija Local Council** (Frar 2022) – B'fondi akkwistati mill-aġenzija LESA, l-kunsill iddeċieda li jixtri vann li jaħdem bl-elettriku biex ikun jista jagħti servizz ta' trasport nadif u b'xejn lill-anzjani u dawk ir-residenti vulnerabli b'ċertu bżonnijiet li huma jaf ikollhom. Din is-sejħa nħarġet għat-tieni darba għaliex meta nħarġet l-ewwel darba fi Ottubru 2021, il-kunsill ma kienx irċieva offerta. Meta ħarġet it-tieni darba, ukoll il-Kunsill reġgħa ma rċeviex offerti u għalhekk tħadded mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u dan id-dipartiment ta approvazzjoni biex dan il-vann tal-elettriku ikun jista jinxtara bi Direct order. Il-Kunsill għalhekk applika bil-formula ta' Direct order u din l-applikazzjoni ġiet aċċettata mid-Dipartiment minnufih.

Filfatt kif ingħata l-approvazzjoni uffiċjali, il-Kunsill mar jordna l-vann mingħand Michael Attard.

- **Supply of a low emission second hand van for the Ħal Lija Local Council** (Frar 2022) – Il-Kunsill iddeċieda li jixtri vann low emission għal użu tal-ħaddiema tal-kunsill lokali u għalhekk ħareġ sejħa ta' kwotazzjonijiet fi Frar. Iżda meta nħarġet din is-sejħa l-Kunsill ma rċeviex offerti u tħadded mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex dan il-vann ikun jista jinxtara bi Direct order. Ingħatat l-approvazzjoni mid-Dipartiment biex il-Kunsill ikun jista jixtri dan il-vann bi Direct order.
- **Call for the supply and installation of outdoor gym equipment at Ġnien Ċentru Rikreattiv, Ħal Lija** (Marzu 2022) – Il-Kunsill ħareġ din is-sejħa biex ikun jista jiġi mqabbad kuntrattur jinstalla outdoor gym equipment fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Dan l-equipment sal-aħħar tas-sena 2022 filfatt ġie nstallat kollu u dan b'parti mill-fondi tal-kunsill lokali u l-parti l-oħra b'fondi akkwistati minn skema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
- **Call for the supply and installation of playing equipment and safety flooring material at Ġnien Ċentru Rikreattiv & playing fields tal-Mirakli, Ħal Lija** (Mejju 2022) - Il-Kunsill ħareġ din is-sejħa biex ikun jista jiġi mqabbad kuntrattur jinstalla play equipment u safety flooring fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u kif ukoll safety flooring ġdid ukoll fil-Ġnien tal-Mirakli. Il-play equipment u s-safety flooring fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv sal-aħħar tas-sena 2022 filfatt ġie nstallat kollu u baqa biss li jiġi mplementat is-safety flooring fil-Ġnien Tal-Mirakli. Dan il-proġett ġie ffinanzjat b'parti mill-fondi tal-kunsill lokali u l-parti l-oħra b'fondi akkwistati minn skema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
- **Tender for the provision of health attendants to carry out services of cleaning of public conveniences in an environmentally friendly manner for the Ħal lija local council** (Novembru 2022) – Il-Kunsill Lokali ħareġ din is-sejħa biex ikun jista jiġi mġedded is-servizz tat-tindif u manutenzzjoni fil-latrini.

**Skemi u Proġetti**

Matul is-sena l-Kunsill applika għal diversi fondi b'permezz ta' skemi bit-tijr li jsiru diversi proġetti għar-residenti, l-għaqdiet u għall-benefiċċju tal-lokalita. Fost l-iskemi li l-kunsill applika għalihom insibu:

- **Skema Restawr ta' postijiet u monumenti SPI/SCI/3/2022,** kif ippubblikatha mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali. Bil-kunsens tal-Kappillan, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika ma' dan il-Ministeru biex isir restawr fuq il-Kappella tas-Salvatur il-Qadim li tinsab fi Triq is-Salvatur Ħal Lija. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u x-xogħlijiet ta' restawr għadhom jibdew dalwaqt. Taħt din l-istess skema l-Kunsill kien diġa irrestawra l-Kappella tal-Madonna tal-Belliegħa u r-restawr fuq din il-Kapella ġie ffinalizzat fis-sena 2022.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/4/2022 – Korsijiet Lifelong Learning 2022/2023 Offruti mi-Direttorat għar-riċerka, tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabilita',** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika taħt din l-iskema biex mill-binja amministrattiva tal-kunsill lokali stess, jingħataw żewġ korsijiet tal-lifelong learning; kors minnhom tal-Ingliż u kors ieħor tat-teknoloġijabl-użu tal-mowbajls.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/5/2022– Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex**, kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex issir manutenzzjoni fuq il-funtana li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv, fejn din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u l-kunsill kkwalifika għall-ammont ta' €3,717.05 mill-fond totali mitlub ta' €5,363.71.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom,** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex issir manutenzzjoni fuq l-istruttura tal-latrini eżistenti li hemm fi Pjazza Trasfigurazzjoni, fejn din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u l-kunsill kkwalifika għall-ammont ta' €28,329.43 mill-fond totali mitlub ta' €41,146.60.

- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/10/2022 – Espressjoni ta' interess – Żvilupp u titjieb ta' Latrini Pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex,** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy.* Il-Kunsill esprima l-interess tiegħu biex japplika għall-latrina awtomatika fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Il-Kunsill issottometta l-interess tiegħu għal din l-iskema mar-Reġjun Lvant, peress li din l-iskema ħarġet għall-attenzjoni tar-Reġjuni u mhux tal-Kunsilli Lokali.
- **Skema Finanzjarja 1/2022 – Proġetti b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqdiet fil-lokalita** kif maħruġha mir-Reġjun Lvant. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond massimu ta' €2,000 li ġie maqsum bħala fond ta' għajnuna bejn l-għaqdiet; tal-Boċċi, Club 23 tal-ħamiem u l-Kumitat Festi Esterni.
- **Skema Finanzjarja 2/2022 - Proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-Lokal u Baned, kif** maħruġha mir-Reġjun Lvant. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €16,000 biex ingħataw xi servizzi fil-festa bħal servizz ta' baned u servizz ta' fire engine u biex sar Family Festival fi Settembru.
- **Skema Finanzjarja 3/2022 – Proġetti ta' titjieb fil-lokalita,** kif maħruġha mir-Reġjun Lvant. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €35,000, biex ġew implementati fanali ġodda ornamentali f'diversi toroq fir-raħal u kif ukoll bankijiet u bins li dawn tweħlu fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv.
- **Skema Finanzjarja 4/2022 – Xiri jew Kiri ta' Tiżjien tal-Milied,** kif maħruġha mir-Reġjun Lvant. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €3,000, biex sar tiżjien u armar tal-Milied fil-Pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni.
- **Skema Għajnuna għal tiżjien tal-Milied fil-lokalita,** kif maħruġa mill-Malta Tourism Authority (MTA). Il-Kunsill Lokali applika għal skema li din l-entita kienet qed toffri biex issir aktar armar tal-Milied u tiżjien fir-raħal. Is-Somma ta' għajnuna li applika għaliha l-kunsill kienet ta' €3,000.

**Implimentazzjoni ta' iBins fil-Lokalita**
Wara l-applikazzjoni li ssottometa il-kunsill għal underground iBins taħt l-iskema SPI/SCI/7/2020 Immaniġġjar tal-iskart 'Smart Solutions', ma ġietx aċċettatha, l-kunsill beda jitħadded ma' GreenPak biex jiġu nstallati set ta' ibins normali x'imkien fir-raħal. Skond il-liġi ambjentali u l-entita ERA dawn l-ibins jridu jsiru bilfors, u skond il-popolazzjoni li għandha Ħal Lija jrid ikun hemm imqarr set wieħed installat fil-lokalita. Il-Kunsill ssuġġerrixa li jinstalla dawn l-iBins fi Triq Preziosi kantuniera ma' Triq il-Mosta, u fis-sena 2022 dawn filfatt ġew installati fuq is-sit u anke bdew joperaw bi sistema ta' CCTV li tasses dawn l-ibins 24/7, biex kemm jista jkun ma jkunx hemm abbużi.

**Laqgħat**
Matul din is-sena saru ħafna laqgħat u *meetings on site* ta' spiss ma' diversi entitajiet fejn waqt dawn il-laqgħat/*meetings* kemm jista jkun dejjem kien hemm preżenti s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Fost l-entitajiet ma min saru dawn il-laqgħat wieħed jista jsemmi lil kuntratturi li jagħtu servizz lil kunsill, Transport Malta, Infrastructure Malta, Heritage Malta, Ambjent Malta, il-*Works Department,* is-Sanita, il-pulizija, LESA, l-AKL, Reġjun Lvant, ERA, l-Awtorita tal-Ippjanar u aktar dipartimenti tal-gvern etc. L-iskop ta' wara dawn il-laqgħat/*meetings* dejjem kien biex il-kunsill iżomm rapport ta' ħidma tajjeb ma' kull entita jew dipartiment u biex possibilment jikseb kull tip ta' għajnuna u sapport għall-benefiċċju tal-lokal kollu.

**Harġiet**
Ikkumparat mas-sena 2021 fejn il-kunsill kien restritt milli jorganizza diversi ħarġiet minnħabba l-pandemija COVID19, fis-sena 2022 saru madwar erba' ħarġiet li kienu jikkonsisti minn :
- Ħarġa ġurnata Għawdex f'Jum L-Omm;
- Ħarġa ġurnata Sqallija ;
- Ħarġa Kulturali l-Isla u

- Ħarġa Vista ta' Ħamis ix-Xirka ġewwa l-Qrendi u l-Imqabba.

**Applikazzjonijiet *Heritage Passport* għall-anzjani**
Fis-sena 2022 il-kunsill baqa joffri s-servizz lil anzjani fejn jgħinhom japplikaw għall-*Heritage passport* biex ikunu faċilment jistgħu jżuru diversi mużewijiet u postijiet storiċi b'xejn.

**Publikazzjoni tal-Fuljett**
Fis-sena 2022, il-kunsill kompla bil-pubblikazzjoni tal-fuljett ' Leħen il-Kunsill'. Tul is-sena 2022 dan il-fuljett ġie ppublikat darbtejn. L-ewwel edizzjoni nħarġet fi Lulju 2022 filwaqt li t-tieni edizzjoni fi Diċembru 2022. Dan il-fuljett tqassam bieb bieb mill-ħaddiema tal-kunsill madwar ir-raħal kollu fejn kien hemm feedback tajjeb mir-residenti dwaru. Fil-futur il-kunsill ser ikompli joħroġ aktar edizzjonijiet ta' dan il-fuljett.

**Jum Ħal Lija u Ġieħ Ħal Lija**
Għal sena oħra ġie ċċelebrat Jum Ħal Lija. Jum Ħal Lija ġie ċċelebrat nhar il-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022. Dakinhar fi 6:30pm saret quddiesa ta' ringrazzjament mill-kappillan tar-raħal umbagħad wara ġol-knisja stess kien hemm ċeremonja żgħira fejn l-ewwel ingħatat introduzzjoni mis-Sindku u wara kien hemm l-għotja ta' Ġieħ Ħal Lija u ta' Ċertifikati ta' Rikonoxximent. Ġieħ Ħal Lija ngħata bix-xieraq lil Dr. Tonio Borg. Huwa ngħata medalja bħala rikkonoxximent tal-ħidma kbira tiegħu u apparti minnhekk tal-imħabba li kontinwament juri lejn ir-raħal. Iċ-Ċertifikati ta' Rikonoxximent ingħataw lis-Sur Ronald Vella u lis-Sur Louis Cutajar. Wara li ngħataw l-għotja ta' Ġieħ Ħal Lija u ċ-ċertifikati ta' rikonoxximent, ittieħdu xi ritratti fuq it-Torri Belvedere biex dawn jinżammu tifkira tal-okażżjoni.

**Festival taċ-Ċitru**
Sfortunatament dan il-festival ma setax isir kif sar fi snin rikurrenti, minħabba l-pandemija ta' Covid-19 u r-restrizzjonijiet li ġabet magħha. Biex itella dan il-festival, il-kunsill ġie mitlub mid-dipartiment tas-saħħa jieħu ħafna prekawzzjonijiet li l-kunsill ma felaħx għalihom u għalhekk bi dispjaċir kbir, ma sar xejn.

**Tiżjin tar-raħal bid-dwal tal-Milied u attivitajiet tal-Milied**
Fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, il-Kunsill żejjen bit-tiżjien is-Siġar tal-Pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni. Fil-pjazza anke tpoġġiet *christmas tree* kbira tixgħel. Dan it-tiżjien sar bl-għajnuna tar-Reġjun Lvant b'permezz ta' Skema Finanzjarja 4/2022 u l-għajnuna addizzjonali mingħand l-MTA.
Fi żmien il-Milied saru ukoll l-attivitajiet imsemmija hawn taħt mill-Kunsill Lokali :

- Ikla tal-Milied għall-komunita kollha – 12 ta' Diċembru 2022
- Tqassim tar-rigali minn Mother Christmas – 22 u 23 ta' Diċembru 2022
- Bibita tal-Kunsill Lokali – 27 ta' Diċembru 2022

## Aktar Innovazzjonijiet

Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb ukoll li :

- fuq bażi regolari jsiru *meetings* bejn is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff biex b'hekk l-amministrazzjoni jkollha stampa ċara tal-oġġettivi li hija tixtieq tilħaq u l-progress li hija tkun qed tagħmel ;
- fuq bażi ta' kuljum tiġi ppreparatha skeda ta' xogħlijiet jew manutenzzjoni fejn din umbagħad titqassam lil ħaddiema tal-kunsill biex tiġi mplementatha ;
- darba fix-xahar isiru *one-to-one meetings* mal-pulizija u LESA biex tingħata l-għajnuna neċessarja għal benessere tal-lokal bħal perżempju biex jitnaqqas ċertu vandaliżmu mill-ġonna u jsiru aktar patrols ;

- Fuq bażi regolari saru anke meetings bejn il-kunsill u l-contracts manager biex ta' spiss jinżamm moniteraġġ fuq il-kuntratturi kollha li jagħtu servizz lil kunsill b'mod speċjali, is-servizz tal-ġbir tal-iskart, servizz tal-knis, tal-indafa fil-latrina u kif ukoll is-servizz tal-ġbir tal-ħaxix u manutenzzjoni fil-ġonna.

## 3.2 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera – fejn il-ħidma tagħhom tikkonsisti fi relazzjoni tajba mar-residenti u jaraw li jonoraw ir-responsabbiltajiet tagħhom fl-interess tar-raħal.
- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv - li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni tal-Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.
- Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċjali tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill. Dan għandu jsir bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar.
- L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.
- L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi trasparenza u *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' Gvern Lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## 3.3 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

### L-Uffiċċju Amministrattiv

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali u b'permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri jew direttivi li jinħarġu minn żmien għal żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati nregola ma' dan l-Att u kull avviż legali, proċedura jew direttiva.

### Impjegati tal-Kunsill

Matul din is-sena kien hemm żieda b'rata qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill, għaliex il-kunsill dejjem iżied aktar l-ammont ta' servizzi li jingħataw lir-residenti u applika għal kważi kull skema li nħarġet biex it-titjieb fil-lokalita ma jonqos qatt.

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jopera l-kunsill u jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull tip ta' xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Lija, ħafna drabi jieħu ħafna ħin twil, huwa xogħol tassew moħbi, mibni, ppreparat u kif ukoll komplut mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta' kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għas-sena 2021. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li jaf ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport jew iddettaljati fit-tul.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku s-Sur Anthony Dalli, tas-sapport, għajnuna u l-impenn sħiħ li huwa kuljum juri kemm lili bħala Segretarju Eżekuttiv u kif ukoll lil kumplament tal-Impjegati l-oħra u l-ħaddiema. Nirringrazzja ukoll lil Viċi Sindku Daniel Mallia u lil kumplament tal-Kunsilliera kollha; is-Sur Calcedonio Cini, is-Sa Lorraine Farrugia u s-Sur Joseph Zahra, li jagħmlu parti mit-Tmien Leġislatura, tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut tagħhom lejn ir-residenti u l-lokalita'. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbilta', sapport u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill tax-xogħol li huma jiprovdu. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għandu grupp ta' nies determinati, responsabbli u li huma kontinwament lesti biex jistinkaw u jużaw il-kapaċitajiet tagħhom biex ikun possibbli għall-aktar snin jwettqu kull tip ta' xogħol skond kif jitlob il-bżonn tal-lokal.

**IFFIRMATA**

Pamela Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DĦUL U L-INFIQ

| | 2022 | 2021 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Funds received from Central Government** | **439,135** | 379,034 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | **2,166** | 4,093 |
| **General Income** | **19,258** | 8,840 |
| | **460,559** | 391,967 |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | **(118,131)** | (104,925) |
| Operations and Maintenance | **(221,894)** | (159,740) |
| Administration and Other Expenditure | **(95,276)** | (101,808) |
| | **(435,300)** | (366,473) |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **25,258** | 25,494 |

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DHUL FID-DETTALL

| | 2022 € | 2021 € |
|---|---|---|
| **Government Income** | | |
| In terms of section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **316,976** | 309,524 |
| Other Government Income | **27,418** | 69,510 |
| Other Supplementary Government Income | **94,741** | 0 |
| | **439,135** | 379,034 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | | |
| Income from LES administration fees | **2,166** | 4,093 |
| LESA Distribution to Council | **0** | 0 |
| | **2,166** | 4,093 |
| **General Income** | | |
| Income from tender documents | **0** | 0 |
| Income from permits | **10,934** | 8,388 |
| Sundry contributions & donations | **0** | 0 |
| Income from Insurance Claim | **0** | 0 |
| Other Income | **8,324** | 452 |
| | **19,258** | 8,840 |
| **Total Revenue** | **460,559** | 391,967 |

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Personal Emoluments** | **2022** | **2021** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Personal Emoluments include, inter alia : | | |
| Mayor's Allowance | **10,743** | 10,736 |
| Executive Secretary's Salary | **43,737** | 28,710 |
| Employees' Salaries | **44,212** | 45,874 |
| Social Security Contributions | **6,439** | 6,605 |
| Councillors' Allowance | **13,000** | 13,000 |
| | **118,131** | 104,925 |

| **Operations and Maintenance** | **2022** | **2021** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Operations and maintenance includes, inter alia: | | |
| Repairs and upkeep: | | |
| Road/street pavements | **59,524** | 14,959 |
| Signs and Road Markings | **0** | 9,698 |
| Other Repairs and Upkeep | **40,397** | 24,001 |
| | **99,921** | 48,658 |
| | | |
| **Contractual Services:** | | |
| Refuse Collection | **70,147** | 59,693 |
| Bulky Refuse Collection | **6,834** | 7,061 |
| Road and Street Cleaning | **23,459** | 23,224 |
| Cleaning and Maintenance - Public Conveniences | **7,694** | 7,293 |
| Cleaning and Maintenance - Parks and Gardens | **7,847** | 4,374 |
| Street Lighting | **5,418** | 4,437 |
| Other | **574** | 5,000 |
| | **121,973** | 111,082 |
| | | |
| | **221,894** | 159,740 |

| **Administration and Other Expenditure** | **2022** | **2021** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Utilities | **4,769** | 3,661 |
| Rent Payable | **9,765** | 1,300 |
| National and International Memberships and Subscriptions | **0** | 0 |
| Office Services | **4,728** | 6,934 |
| Motor Vehicles Insurance/ Licence including fuel | **3,510** | 121 |
| Publications / Advertising | **2,650** | 5,192 |
| Professional Services | **28,841** | 35,952 |
| Community Services & Events | **14,593** | 26,122 |
| Bank Interest and Charges | **684** | 1,308 |
| Lease Interest Cost | **2,987** | 262 |
| Provision for Losses | **0** | 0 |
| Depreciation | **19,890** | 18,501 |
| Insurance | **2,424** | 1,651 |
| Other Expenses | **435** | 804 |
| | **95,276** | 101,808 |

# Annex 1: Ritratti



Manutenzzjoni ta' Triq is-Salvatur



Tranġar tal-bankini fir-raħal



Implimentazzjoni Open air gym



Implimentazzjoni ta' playingfield ġdid fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv



Tisbieħ fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv

Bins ġodda fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv






Implimentazzjoni iBins fi Triq il-Mosta kantuniera ma' Triq Preziosi



Bankijiet ġodda fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv



Tiżjien tal-Milied fil-Pjazza



Tiżjien tal-Milied fi Vjal it-Trasfigurazzjoni



End of Summer Family Festival

# Annex 2 - Lista ta' toroq li qed jiġu proposti għall-implimentazzjoni bl-għajnuna ta' IM (2023-2025)

1. **Il-Proġett ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni (mill-kantunieri ta' Triq Fernand Grech u Triq Robert Mifsud Bonniċi sa Triq in-Naxxar)** – Dwar dan il-proġett il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija diġa għandu agreement ma' IM, mal-ex CEO Fredrick Azzopardi, fejn hemm anke minuti dwar dan l-agreement ffirmati (kemm mill-Kunsill u kif ukoll minn IM) u s-Sur Azzopardi kien ta approvazzjoni lil kunsill biex iwettaq dan il-proġett bil-kuntrattur u l-perit tiegħu. Riċenti l-kunsill reġgħa ltagħa ma' IM ma' CEO l-ġdid Ivan Falzon, fejn tajnih kopja ta' dawn il-minuti approvati biex ikun jaf xi qbil kien hemm bejn IM u l-kunsill u anke ġie provdut bi stima (kif ġie mitlub minnu) ta' kemm ser jiswa dan il-proġett. Jidher li sissa oġezzjoni mis-Sur Falzon dwar dan il-proġett m'hemmx u IM qed tikkunsidra l-istima mgħottija mill-Kunsill u għandhom jagħmlu kuntatt magħna dalwaqt.

2. **Triq is-Salvatur** – Dwar din it-triq diġa kien hemm committment ukoll biex tingħata wiċċ ġdid bit-tarmac. Din it-triq kienet imniżla u imwiegħda f'waħda mill-listi li ħareġ il-Gvern biex diversi toroq jingħataw wiċċ ġdid bit-tarmac. Filfatt diġa hemm trench permit maħruġ biex isir dan ix-xogħol.

3. **Triq Annibale Preca Sqaq nru 2** - Dan huwa sqaq li biċċa minnu huwa privat fuq ġewwa u l-parti ż-żgħira biss ta' quddiem kif tidħol huwa pubbliku. Dwar dan l-isqaq il-kunsill diġa tkellem ukoll ma' Ceo ta' IM Ivan Falzon biex tingħata għajnuna ħalli jsir, u jidher li għajnuna ser tingħata. Ir-Residenti li joqgħodu f'dan l-isqaq ukoll kelmu lil IM biex jingħata wiċċ bit-tarmac.

4. Triq il-Forn (minn fejn l-Ambaxxata Ġermaniża sa fejn kien joqgħod Dun Ġużepp)

5. Triq il-Forn Sqaq nru 6 – nipproponu li ssir bl-imprint

6. Triq il-Forn Sqaq nru 1 – nipproponu li ssir bl-imprint

7. Triq il-Forn Sqaq nru 3 - nipproponu li ssir bl-imprint

8. Sqaq il-Kunċizzjoni – nipproponu li ssir bl-imprint

9. Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru 1 – nipproponu li ssir bl-imprint

10. Triq Mabel Strickland – nipproponu li ssir bl-imprint

11. Il-pjazza ta' fuq il-Borg - nipproponu li ssir bl-imprint

12. Triq Preziosi - nipproponu li ssir bl-imprint

13. Triq Preziosi Sqaq nru 2 - nipproponu li ssir bl-imprint

14. Triq Dun Karm Lia - nipproponu li ssir bl-imprint

## Annex 3 – Rapport ta' Ħidma
## Ikkumpilat mis-Sindku Anthony Dalli

Bħala Sindku tal-Lokalita huwa mistenni minni u skond il-Liġi tal-Gvern Lokali li nissorvelja x-xogħol kollu li jsir mill-Kunsill, flimkien mar-responsabbilitajiet l-oħra kollha skond ix-xogħol tal-Kunsill.

Fl-2022 hekk kif bdejna noħorġu mill-pandemija reġgħat inħasset in-neċessita li nżommu kuntatt personali ma' ħafna residenti speċċalment fejn jidħol id-dekasteru tiegħi l-Anzjani. Is-Sapport lill-Anzjani ma qata xejn u konna ta' għajnuna liċ-Ċentru tal-Parrocca li jieħu ħsieb il-Anzjani tagħna. Kienet l-ewwel darba f'Ħal Lija li saret ikla għall-Anzjani u dawk li jinsabu waħedhom għal żmien il-Milied.

Ix-Xogħol tal-Kunsill ma qata xejn u għalkemm ristrett mill-kuntatt fiżiku biex inżommu mar-regoli ta l-Awtoritajiet tas-Saħħa, iċ-ċittadin qatt ma ġie abbandunat. Kull mezz ta' komunikazzjoni soċjali ġie użat u b'hekk stajna nibqgħu viċin ir-residenti kollha.

Il-Ħidma nfrastruturali ma qatgħet xejn anzi kien opportun li jiżdied minħabba inqas vetturi fil-Lokal. Saru xogħolijiet estensivi fi Triq il-Kbira, Triq Ramiro Barbaro, Triq Sir Ugo Mifsud, Triq Annibale Preca, Triq tal-Mirakli, Triq Ħal Bordi, Triq N.Cottoner u parti minn Triq Carmelo Farrugia fejn anki inbidlu s-servizzi tal-ilma u fejn kien hemm bżonn anke s-sistema tad-drenaġġ. Minn Triq il-Forn, Triq il-Kunċizzjoni u Triq il-Mitħna għadda cable tad-dawl biex ir-raħal kollu jiġi sostnut bi provista aħjar tad-dawl kemm fid-djar u ta' barra u wara ngħata wiċċ ġdid bit-tarmac.

Il-Kunsill applika mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiġi restawrata l-Kappella tal-Belliegħa. Dan il-proġett illum wasal fi stadju avvanzat li jitlesta.

Is-Servizz tal-indafa tat-toroq għandu jkun aħjar u sorveljat aħjar mill-Contract Manager. Bħala amministrazzjoni qed ninvestu ħafna ħin u riżorsi biex dan is-servizz isir aħjar u b'aktar effiċjenza.

L-Għaqdiet huma parti oħra ntegrali mir-responsabbilitajiet tiegħi fil-qasam tal-Gvern Lokali. Kellna 3 għaqdiet dik tas-Soċjeta ta' San Andrija, Soċjeta San Pio X u l-Lija Athletics Football Club li ġew megħjuna minn fondi li jappartjenu lill Kunsill mill-Fond ta' Żvilupp fi ħdan l-Awtorita tal-Ippjanar biex saru xogħlijiet ta' manteniment tal-bini minn fejn jagħtu s-servizz tagħhom fil-lokal. L-Għaqdiet anke ibbenifikaw minn fondi u għajnuna bħal tagħlim tal-aljevi tal-banda fejn dawn qed iġibu kwalifiki tajbin ħafna minn istituzzjonijiet barranin, restawr ta' pittura ġewwa l-Knisja Parrokkjali, għajnuna ta' sigurta għal waqt il-festa f'appuntamenti kultura u arti bħal Kamra tan-nar San Mikiel u l-Għaqda Festi Esterni f'għajnuna ta' ħlasijiet tal-Konsum tad-dawl mal-enemalta. Is-Soċjetajiet San Pio X u San Andrija bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill u r-Reġjun Lvant ingħataw għajnuna finanzjarja għal-skop ta' Kultura.

Il-Laqgħat mad-Dipratimenti tal-Gvern u Entitajiet ma qatgħu xejn ukoll. Inbeda proġett ġdid tal-Community Policing fil-Lokal tagħna. Dan beda tant tajjeb imma wara 6 xhur nemmen li is-servizz waqa lura ħafna. Bħala stake holders qatt ma ngħatajna rendikont x'ġara. Mad-Distrett ta' Birkirkara li Ħal Lija tagħmel parti, għandna kuntatt tajjeb, kontinwu u dedikat.

Il-Kumunikazzjoni tiegħi bħal Sindku kemm mar-Reġjun u mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali hija waħda tajba u li tagħti l-frott. Kultant nemmen li r-Reġjun għad ma għandux dik id-direzzjoni x'hinu

r-rowl tiegħu u nasal li ngħid li qed ikun hemm manuvri li qed jitħaddem biex jittieħdu x-xogħlijiet tal-Kunsilli Lokali.

Jum ħal Lija kien suċċess ieħor fejn ingħata Ġieħ Ħal Lija lill-Profs.Tonio Borg fejn ġie magħruf għax-xogħol li għamel kemm Malta u anke f'xogħol fl-Unjoni Ewropea. Rikonoxximent lill Ronald Vella u Louis Cutajar għax-xogħol siewi u volontarju li għamlu fil-lokal tagħna.

Il-Kunsill din is-sena ukoll biddel is-Sede Uffiċċjali tiegħu, għal waħda aktar li tixraq u tilqa aktar għal-bżonnijiet tal-llum, bħal aktar komdita, spazju akbar, u post kemm fejn jiltaqgħa l-Kunsill u sala addattata għal ħtiġijiet edukattivi u soċjali tar-residenti.

Il-Kunsill baqa jżomm il-kuntatt mar-residenti kemm b'mod elektroniku u anke bil-fuljett li joħroġ darbtejn fis-sena.

Din is-sena saret il-Festa titulari wara nuqqas ta' sentejn u l-Kunsill u l-Amminstrazzjoni kienu mpenjati bl'akatr mod effettiv u effiċjenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Amministrazzjoni u l-Istaff tal-Kunsill għamlu dak kollu meħtieġ biex aġġornaw b'dak kollu li qed jiġri u offrew l-għajnuna kollha tagħhom kemm lill-Kunsill u lir-residenti bl-aktar mod professjonili u ntegru.

Mhux l-inqas bħala Sindku tal-Lokalita kelli numru kbir ta' laqgħat ta' konsultazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv, l-Amministrazzjoni u l-Istaff dejjem bl-iskop li ntejbu l-kwalita tal-ħajja tar-residenti.

# Annex 3- Rapport ta' Ħidma

# Ikkumpilat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia

Għaddiet Sena oħra u bdejna inħarsu il-quddiem għas-sena 2023 pero tajjeb li nagħtu ħarsa ta x'sar fis sena 2022. Ma nistax ma nibdiex billi ma nsemmix lis-Sindku Anthony Dalli li ta kuljum ikun prezenti fil kunsill biex jara li dak li jkun diskuss fil-laqgħat jsir b'mod effiċjenti. Fl-Istess ħin ngħid grazzi kbira lil ħaddiema kollha tal-kunsill b'mod speċjali lil Pamela li tkun ta' spalla u twettaq dak kollu mixtieq mil kunsill bl'aħjar mod possibbli.

Parti mix-xogħol tal-kunsill tiegħi huma it-tfal u iż-żagħżagħ u fis-sena 2022 kellna diversi attivitajiet fejn rajna ħafna tfal involuti speċjalment wara żmien fejn attivitajiet tal-massa ma setgħux isiru minħabba diversi restrizzjonijiet. Waħda mil-attivitajiet li il-kunsill ħadem għalija kienet il-ġurnata fejn ikkolaborajna flimkien mal-pulizija fejn għamlu nofstanhar juru lit-tfal makkinarju li jiġi użat minnhom. Din kienet attività li tagħat l'opportunita li t-tfal ikomplu jkabbru r-rispett lejn l'awtorità kif ukoll isiru jafu iktar mil-viċin lil pulizija tal- 'community policing'. Kellna ukoll attività imtella' mil kunsill b' għajnuna finanzjarja tar Reġjun Lvant, lejn l'aħħar jiem tas- sajf fejn ħafna familji bit-tfal attendew. Attività li din is-sena nixtiequ nibnu fuqha u nkomplu nattiraw iktar familji u tfal lejn l'attivitajiet li jsiru mil-kunsill.

Flimkien mat-tfal u żgħażagħ, parti mix-xogħol tiegħi huwa ukoll l'sport li jmur id f'id max- xogħol li jsir biex nkomplu ntejbu il-kultura sportiva fi'ħdan ir-raħal. Ta min ifakkar li din is- sena il-kunsill hekk kif jagħmel parti mill-kunsill Reġjonali Lvant ġie iddikjarat bħala ir-Reġjun Ewropew tal-Sport 2023. Fejn parti min din l'inizjattiva l'għaqda tal-boċċi ta' Ħal Lija ħa tkun qed torganizza diversi attivitajiet sportivi. Fl-Istess ħin il-kunsill ser ikun qed jorganizza attivitajiet diversi b'inklużjoni u l'għajnuna tal-għaqdiet sportivi ġewwa Ħal Lija. Fiż-żmien il-Milied il- 'Football Club' ta' Ħal Lija steddinni biex immur nagħmel mixja żgħira magħhom fejn grupp ta' ħmistax il-tifel u tifla daru Ħal Lija u taw xi rigali żgħar ta' żmien il- Milied. Nixtieq ngħid prosit tal-inizjattiva u huwa tajjeb li nkomplu inressqu it-tfal viċin il- komunità.

Apparti min hekk, il-kunsill irrinnova l-ġnien ta Ħal Lija fejn issa t-tfal jistgħu jagħmlu użu sħiħ minn bandli ġdid u sikur. Fis-sena 2022 il-kunsill ukoll fetaħ 'outdoor gym' li jista' jintuża minn nies kollha ta' Ħal Lija. Biex nibqgħu fuq it-tema tal-ġnien qed nkomplu naħdmu biex il-grawnd tal football jew jingħata lil kunsill b fondi li jippermetti lilna li nkunu nistgħu nirrangawh jew jitranġa minn xi entita oħra. B'hekk inkunu qed nagħtu lura dak li Ħal Lija jistħoqqilha kif ukoll inkunu ta' spalla mal-club tal-football ta' Ħal Lija biex ikunu jistgħu jagħmlu użu minnu ukoll. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja b'mod sħiħ lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv li ilhom is-snin jagħmlu l'għamlu tagħhom fuq din il-kwistjoni.

Bħala Viċi Sindku attendejt ukoll laqgħat li saru għas-sindki u viċi sindki fejn kont parti ukoll mill-plenarja li saret mil Assoċjazzjoni tal-Kunsilli fejn saret diskussjoni matura ta' kif għandhom jimxu il-quddiem il-kunsilli Lokali. Fix-xahar ta' Ottubru kelli immur ġewwa Brussell biex nattendi laqgħat u 'workshops' però għal- raġunijiet personali kelli nikkanċella li nkun hemm presenti fiżikament. Fl-Istess ħin irnexxieli nattendi xi 'workshops'online.

Fl'aħħar nixtieq nagħlaq billi ngħid li s-sena 2022 kienet impenjattiva għal-kunsill u għalkemm ma irnexxilix inkun preżenti dejjem minħabba raġunijiet personali importanti nfakkar li jien dejjem disponibbli għan- nies. Nixtieq nagħlaq billi ngħid grazzi kbira lil ħaddiema tal-Kunsill li mingħajrhom l'ebda attività ma setgħet isseħħ.

# Annex 3 – Rapport ta' Ħidma
# Ikkumpilat mill-Kunsillier Calcedonio Cini

Għaddiet is-sena 2022 u dan ifisser li għadda aktar minn nofs iż-żmien li ġejna eletti bħala kunsiliera biex nieħdu ħsieb il-lokalita tagħna. Meta wieħed iħares lejn dak li għamel il-Kunsill matul is-sena 2022 jara ħidma siewja b'risq ir-raħal li tant inħobbu. Grazzi kbira tmur lis-Sindku s-Sur Tony Dalli u lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Pamela Borg u l-istaff kollu tal-kunsill. Dawn in-nies jagħmlu ħafna u ħafna xogħol li ma jidhirx r-rizultat tiegħu jidher ġimgħat wara; akbar ma tkun il-problema aktar jistinkaw biex isolvuha. Ngħaddi, biex nitkellem fuq dak li jiena responsabbli minnu.

**Indafa** – Irrid ngħid li dwar l-indafa sar progress matul l-2022. Ir-raħal huwa ġeneralment wieħed nadif imma xorta jibqa l-fatt li nistgħu nagħmluh aktar nadif, minħabba l-fatt li numru żgħir ta' nies irresponsabbli jibqgħu iħammġu. Installajna bins kif mitlub bil-liġi, wara diskussjonijiet li l-kunsill kellu mal-ERA u l-Greenpak fi Triq Preziosi. Il-bulky refuse huwa servizz offrut mill-kunsill lin-nies tar-raħal u nista ngħid li sejjer tajjeb ħafna għax aktar nies qed jagħmlu użu minnu. Rigward il-ġbir tal-boroz; l-organika, is-sewda u tar-riċiklaġġ, dan miexi tajjeb ħafna. Meta kien hemm xi ntopp żgħir, dan dejjem ġie solvut l-għada jew pitgħada. Hekk ukoll nista ngħid fuq il-ġbir tal-ħġieġ. Komplejna wkoll perjodikament biex insebbħu r-raħal biż-żbir tas-siġar u l-qtugħ tal-ħaxix ħażin u tindif tal-culverts tal-ilma. Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll jaħsel numru ta' toroq u l-pjazza għall-aktar indafa.

**Infrastruttura** – F'dan il-qasam sar ħafna xogħol li jgħidulu ta' wara l-kwinti, qiegħed nirreferi għall-laqgħat u diskussjonijiet. Dawn il-laqgħat tmexxew mis-Sindku s-Sur Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Pamela Borg. Il-Frott ta' dawn il-laqgħat ser jidher fi żmien li ġej b'riżultat li se jkollna aktat toroq u sqaqien isbaħ. Ma nistax ma ngħidx grazzi lil dawn it-tnejn minn nies għax-xogħol u d-dedikazzjoni li juru f'dan il-laqgħat. Dan kollu huwa xogħol li ma jidhirx u jinvolvi sigħat twal imma sadanittant bqajna nagħmlu aktar ħidma matul is-sena 2022 bħal refreshing ta' żebgħa fejn hemm yellow lines, parkings bays, stop signs, keep clear, speed limits etċ. Komplejna nirranġaw ħofor li jinqalgħu minn żmien għal żmien. Biddilna tabelli antiki u għamilna mirja ġodda fejn kien meħtieġ u fejn tkissru. Ħadna ħsieb nirrapurtaw lill-entita responsabbli mid-dawl tat-toroq kull darba li kien hemm bozoz fuq arbli li ma jixgħelux jew bozoz iteptpu. Ma jistax ikun li jkollok triq kollha mitfija u din iddum erbatax il-ġurnata fid-dlam u dan fix-xhur tax-xitwa meta fil-ħamsa ta' filgħaxija jkun dalam. Il-Kunsill kompla jsebbaħ il-ġnien rikreattiv billi għamel bandli, bankijiet u bins ġodda u f'parti oħra tlestit open air gym għal kulħadd inkluż dawk li jagħmlu użu mill-wheel chairs. Barra dan xtrajna numru ta' fanali ġodda u issa qegħdin fil-fażi li dalwaqt jitwaħħlu f'dan l-istess ġnien. B'hekk ikollna aktar dawl u aktar sigurta għall-ġid ta' kulħadd u nnaqsu r-riskju għall-vandaliżmu u l-abbużi. Komplejna wkoll l-aħħar fażi tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ, ħdejn il-Kapella tal-Kunċizzjoni.

**Qasam Soċjali** – F'dan il-qasam tajt l-għajnuna lil kull min talabni biex ngħinu, kemm min talabni xi informazzjoni u kemm min talabni applikazzjoin ta' formoli. Bħala Kunsill irnexxilna nipprovdu t-tilqima tal-Covid 19 u tal-influwenza staġjonali fil-premises tal-kunsill u dan kien apprezzat ferm min-nies, speċjalment mill-anzjani. Barra minn hekk organizzajna ħarġiet kulturali, waħda f'Għawdex u oħra fl-Isla. Dan dejjem biex inkomplu nsaħħu u nkattru s-sens tal-komunita bejnietna u nsiru nafu aktar lil xulxin. Lejn tmiem is-Sajf, f'Settembr, organizzajna End of Summer Festival fil-pjazza tar-raħal, fejn kien hemm xi ħaġa għal kulħadd. Dan kien l-ewwel darba li sar u jekk il-fondi jippermettu, beħsiebna nibqgħu norganizzawh għax ir-rispons kien tajjab u dawk li attendaw ħadu gost ħafna. Biex inkomplu nsaħħu l-komunita u ma neskludu lil ħadd , f'Diċembru organizzajna ikla ta' nofs in-nhar

għall-azjani f'Ħal Lija stess billi filgħazija il-biċċ l-kbira tal-anzjani ma joħorġux. Għamilna passi kbar il-quddiem fil-proġett li għandu l-kunsill, dak li nixtru van għall-anzjani biex nwassluhom b'xejn, kuljum mit-Tnejn sas-Sibt, saċ-Centru Tas-saħħa, l-isptar jew il-bank u wara nerġgħu nwassluhom lura. Ordnajna can u ħallasna l-ewwel pagament u jekk Alla jrid għandu jkun f'idejna F'Diċmebru 2023. Konna viċin tal-għaqdiet tar-raħal tagħna s-sena kollha u komplejna ngħinuhom f'dak kollu li kellhom bżonn bħal għajnuna u nformazzjoni fuq skemi li jistgħu jibbenifikaw minnhom.

Is-Sena 2022 kienet sena li fiha sar ħafna xogħol b'riżultati posittivi kif ukoll b'riżultati li għad iridu jidhru. Jien ser inkompli naħdem u nistinka biex flimkien mas-Sindku u sħaba l-Kunsilliera, Ħal Lija isir villaġġ dejjem isbaħ u r-residenti jħossuhom kburin li jgħixu f'dan ir-raħal żgħir li ma jibdlu ma ebda mkien ieħor.

## Annex 3- Rapport ta' Ħidma

## Ikkumpilat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia

Tul is-sena ġew organizzati varjeta ta' korsijiet, webinars, laqgħat u attivitajiet edukattivi u kulturali li kelli ċans nattendi. Hawn taħt ser insemmi dawk l-okkazzjonijiet li l-iktar laqtuni.

Tajjeb li nsemmi webinar fuq il-kultura u heritage li tħejja u fih intwera apprezzament fuq dak kollu li hu storiku u kulturali f'Malta u kif ukoll li fetaħ fuq dak li huwa fuq bażi lokali tar-raħal fejn nirrapreżentaw aħna l- kunsilliera.

Webinar edukattiv ieħor kien jitratta kif tkun leader tajjeb, kif tmexxi imma fl-istess ħin kif taħdem mat-team bħala head u ma' team meta tkun go team stress. F'dan il- webinar ħareġ sew kif għandna ninvolvu lil xulxin u naħdmu bħali team u mhux bħala ndividwi għax fl-aħħar mill-aħħar kollha kemm aħna ġejna magħżula mir-resident tal-lokal tagħna.

Webinar interessanti edukattiv li tħejja kien jitratta fuq il-finanzi allokati tal-kunsilli lokali. Hawn ġejna spejgati kif tinħadem l-allokazzjoni li tiġi mgħotija lil kunsill mil-Gvern u kif ukoll għandhom jitqassmu dawn il-flus li biċċiet minnhom jridu jiġu użati f'affarijiet ta' kuljum u ta' obligu li jkunu aġġunti u aġġorati minn sena għal oħra u l-parti l- oħra għal proġetti żgħar jew inizzjattivi li joġgħbu jorganizza fuq bażi ndividwali kull kunsill.

Kien ta' pjaċir nattendi wkoll f' seminar li jirrelata mal- ambjent, il- kultura u l- iskart. Dan is-seminar ġie mħejji mir- Reġjun Lvant u fih persuna assenjata għal kull titlu msemmi ħejjiet riċerka fuq l- irħula li jaqaw taħt dan ir-Reġjun u li fiha ħareġ sabiħ li kull raħal qed jimplimenta jew għandu relatat ma' l-ambjent li jofri fil-lokal, il- kultura tal- lokali flimkien ma' l- istorja li jofri u sistemi ta' l- iskart implimentati kurrenti u kif ser jibdew jigu mplimentati meta sir fuq bazi reġjonali. Hawn ukoll ħarġu xi ideat li jistaw jiġu mplimentati f'diversi lokalitajiet fuq dawn is- suġġetti.

Fuq element iktar edukattiv kien ferm interessanti li nattendi għal webinar fuq diversita ta' l- individwu u l- inklużjoni. Hawn stajt nara kif iktar b'mod professjonali nista naffaċja ċerta lmenti li jwasslu ċittadini ta' kull livell u tip u kif aħna bħala kunsilliera għandha nwieġbu b' mod sempliċi u skjett għal dak li jiġi mwassal lilna. F' dan il- webinar ħareġ ukoll kif aħna nistaw nirrelataw mar- residenti b' diversi disabilitajiet u kif nistgħu nkunu qrib tagħhom u ngħinuhom xorta billi niffaċilitaw servizzi li nofru u naddatawhom skond neċessita ta' l- individwu.

*Compose plus* kien seminar ieħor li kelli pjaċir nattendi, f' dan is- seminar stajt nisma kif b' modijiet differenti jkuni jistgħu jinħolqu proġetti biex lokalitajiet jiġġeneraw enerġija rinovabli w inizzjattivi favur l- ambjent li biċċiet minnhom jistgħu jiġu applikati mill- kunsilli u oħrajn mill-privat fil-lokalitajiet tagħna.

Nergħu morru fuq is- suġġett finanzjarju u l- kunsilli lokali nsemmi seminar li ġie mħejji u li din darba dan kien jirrelata dwar fondi ta' proġetti li l-kunsilli lokali jistgħu jakwistaw minn fondi Ewropej. Hawn ġew mgħotija ideat u kif ukoll ġejna nfurmati fuq x'tipi ta' proġetti ser jiġu offruti lilna l- kunsilli lokali u li l- biċċa l- kbira tal- fond għal proġetti tkun finazjata mil- EU.

Konferenza interessanti oħra kienet dik fuq it- turismu lokali. F' din l- attivita bosta kelliema u rapreżentatnti minn oqsma differenti relatati ma' turiżmu qasmu l- ħsiebijiet tagħhom fuq tip ta' turiżmu li qed jiġi, kif nistgħu nipromowtjaw il- lokalitajiet tagħna u kif għandha nibżaw għal ambjent storiku u kulturali li ħallewlna dawk ta' qabilna.

Bħala deskrizjoni fid- dettal ta' laqgħat nixtieq nagħlaq b' waħda mħejjija mir- Reġjun Lvant, fejn hawn kienet laqgħa ta' konsultazzjoni għall-istrateġija tal-kunsilli lokali. L- kunsilli li jaqgħaw taħt ir-Reġjun

Lvant setgħu jsemmu leħinhom fuq diffikultajiet komuni li qedin jintaqaw magħhom biex b'hekk jkunu jistgħu jitjiebu u jitranġaw skond il-każ.

Dawn kienu ġabra ta' ftit attivitajiet li kelli xorta nattendi, addizjonali kien hemm laqgħat oħra mal-Mepa, attivitajiet u stedniet kulturali u festivi, laqgħat tal- lokalita, attivitajiet għal żmien il- Milied u fosthom stediniet u laqgħat ma' divesi entitajiet jew membri parlamentari li jirrelataw fuq bażi lokali.